MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Numru. 13/2003

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Carmel sive Charles Spiteri**

**Il-Qorti**

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel sive Charles Spiteri ta’ 41 sena, iben Joseph u Stella nee Schembri mwieled fil-31 ta’ Mejju 1961 u residenti Flat 1 Block D Trqi Bertha K llg Ta’ Giorni, San Ġiljan u detentur tal-karta tal-identita’ numru 387261 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-12 ta’ Ġunju 2002 u matul l-aħħar ġranet qabel dina d-data:-

a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanaza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor , bil-liċenzja tal-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skodn ir-riċetta kif provdut fi-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Droi Perikolużi (Gn 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema droga nstabet f’tali ċirkostaanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

b) talli wkoll ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr.A.Lofaro) fis-6 ta’ Lulju 2000.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex, f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin0numru 3872 tal-1961, l-istqarrija tal-imputat (fol 8), il-fedina penali tiegħu (fol.10), l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-31 ta’ Lulju 2002, il-proces verbal intitolat ‘Trab abjad suspettat kokaina fil-vettura HAP 463 misjuqa minn Charles Spiteri fit-12 ta’ Ġunju 2002, il-konferma tal-espert maħtura (fol 39), Dok JC a fol. 106 kopja ta’ diary ta’ diary to wieħed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

Ikkonsidrat

Is-Supretendent Neil Harrison xehed li fit-12 ta' Ġunju tas-sena 2002 huwa kien bagħat tliet persuni tal-Kaorp sabiex jagħmlu tfittxija fuq il-vann Pick up tal-imputat. F'xi ħin minnhom il-Pulizija waqqfitu fl-inħawi tal-Balala limitit ta' San Ġwann. Fil-preżenza tiegħu sabu madwar erbgħin gramma ta' kokaina li kienu ġo borża tal-plastik u dawn kienu bejn is-seat tal-passiġġier u s-centre console tal-vettura. Fis-centre console kienhemm ukoll miżien elettroniku u fil-bieba tan-naħa tax-xufier kien hemm il-bicarbonate of soda. Fuq kienu nstabu Lm545.

L-Istqarrija tal-Imputat

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li hua juża t-Toyota Pick Up li kien arrestat bih. Meta arrestawh il-Pulizija huwa kien sejjer id-dar u kien ġej minn Ħal-Qormi minn fejn xtara xi fanali tal-vann ta' wara. Huwa kien waħdu fil-karozza (Ara fol.8) Waqt it-tfittxija huwa kien preżenti iżda huwa qal ukoll li ma kienx qed iħossu sew għalkemm ma kienx jaf ir-raġuni għala kien qed iħossu hekk. Dwar l-affarijiet misjubin bejn is-seat tax-xufier u l-handbrake, huwa qal:

'Dik ma nafx biha.'.

Huwa ma weġibx dwar il-preżenza tal-miżien fil-karozza u nnega li kien ibiegħ id-droga.

Meta kien mistoqsi minn fejn xtara l-kokaina, huwa qal li ma kien xtara xejn.

L-imputat ma weġibx għal ħames mistoqsijiet.

Xehed PS 602 Jonathan Attard, espert maħtur matul l-inkjesta, li kkonferma li kien ħa r-ritratti li jidhru fl-atti tal-inkjesta u li kien ħa San Ġwann. Hemm kien ra l-vettura Toyota Pick Up HAP 463.

Xehed ukoll PS 536 Jason Caruana. Huwa qal li kienu waqqfu lill-imputat (u għarfu fl-Awla), ġewwa San Ġwann waqt li l-imputat kien qed isuq pick up Hap-463. Huma kienu waqqfuh u bejn is-seats sabu borża b'ammont ta' trab abjad. Imbagħad instab miżien ukoll. Minn fuq il-persuna tal-imputat kienet elevata s-somma ta' Lm545. Huwa kien muri r-ritratti u ikkonferma li l-oġġetti li jidhru fir-ritratti kienu l-istess li kienu elevati. Fil-vann, l-imputat kien waħdu. Huma kienu waqqfu lill-imputat fil-limiti ta' San Ġwann f'Tal-Balal. Il-Pulizija kienu waqqfu lill-imputat meta kien fi triq dritta.

PC 213 Nikolai Borg ikkonferma l-volontarjeta' tal-istqarrija u l-identita' tal-imputat ( fol 53 u 56).

Xehed ukoll PC 1013 Raymond Debono (fol.58). Huwa kien saq wara l-pick up Toyota misjuq mill-imputat. Kif fetħu l-bieba n-naħa tan-nofs tal-vettura (il-console) kien hemm borża bit-trab abjad suspettata droga. (fol.59). Kien hemm ukoll miżien elettroniku u flus kontanti ta' Lm545. Is-SOCo kienu elevaw l-oġġetti. Il-borża kienet kważi mifqugħa u kien hemm xi trab ħiereġ minnha. (fol.59). Huwa qal li ma kinux ċaqilqu l-affarijiet minn kif kienu fil-karozza sakemm ġew tal-forensika. Huwa kkonferma l-kontenut tar-ritratti li ttieħdu fl-inkjesta u kkonferma l-posżizzjoni tagħhom kif jidhru fir-ritratti. (Fol.60).

PS 659 Jeffrey Hughes ikkonferma r-relazzjoni tiegħu a fol.61.

Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud a fol.65 u kkonferma li s-sustanza elevate mit-Toyota Pick Up HAP -463 ġewwa San Ġwann (02 BMZ 201) kien jammonta għal 34.921 grammita' kokaina. Is-dodium bicarbonate li nstab mhux ikkontrollat bil-Liġi. Ma nstabitx sustanza illegali fit-trab abjad li kien hemm fuq il-miżien elettroniku 02 BMZ 203. (Fol.72). (Relazzjoni 67 – 77)

Xehed PC 1099 Charles Farrugia li qal dan li ġej: (fol 85 u 86)

(a) Li Charles Spiteri twaqqaf fi Triq Ħal Għargħur limiti tal-Balal fl-4.00 p.m.;
(b) Saret tfittxija fil-van Toyota pick up aħmar;
(ċ) Ma ġenb is-seat in-naħa tax-xufier kein hemm borża bi trab abjad suspettata kokaina;
(d) Ġo pakkett li kien hemm bejn is-seats, ġo glove compartment bejn is-eats kein hemm borża tal-karti li kien hemm miżien;
(e) fil-bieba n-naħa tax-xufier kein hemm bott li fih il-bicarbonate.
(f) l-imputat kien waħdu.

**Xhieda Difiża**

Fis-26 ta' Settembru 2005 (fol 89) xehed in kontro-eżami PC 1013 Raymond Debono li qal li huma raw il-pickup fejn issa hemm ix-showromm tal-Vodafone. Minn hem bdew jixmu warajh. Huma mxew warajh għax kellhom suspett /informazzjoni iżda ma rawh jagħmel xejn suspettuż. Huma kienu ħarġu mid-depot u saqu għal San Ġwann. Il-pickup kien ser jibda r-roundabout. Huma baqgħu isegwuh sat-Triq tal-Balal ta' San Ġwann, fejn qabżuh u ssikkawh. (fol.96) Huma kienu xegħlu s-sirena u kellhom il-beacon light. (fol.97) L-imputat kien waħdu fil-karozza. (fol.97).

PS 536 Jason Caruana (fol 101) xehed li hu kien iniżżel xi noti meta jkollu xi każ. Huwa kien jaħdem ħafna fuq ġewwa u mhux kull darba li joħroġ għad-drogi jsib lil xi ħadd fil-pussess tagħhom. Huwa mhux dejjem kien jikteb għaliex xi drabi kien iżomm id-dettalji f'moħħu. Huwa ppeżenta paġina mid-djarju (fol 106)

L-imputat xehed fl-14 ta' Diċembru 2006. Huwa qal li huwa kien jagħmel sub-contracting tax-xogħol li kien jieħu. Huwa kellu mutur Yamah u Honda Phantom. Il-flus li kellu fuqu meta arrestswh il-Pulizija kienu tal-kapparra tal-mutur (fol.114). Huwa kien biegħu xi jumejn qabel kien imwaqqaf. Kellu Toyota pickup li kien ta' missieru. Dan kien jintuża biex jinġarru l-għodda. Dawn kienu jġorruhom kemm hu kif ukoll min kien jaħdem. Fis-sena 2002 kien

jagħmel ħafna użu tiegħu. Kienu xi erbgħa jużawh. (Fol 116) Fl-2002 kien ta biċċa xogħol lil Francis Ebejer u kien imur jgħinu għand Pierre ġo ħanut Birkirkara.

**Dak in-nhar il-pickup kien intuża minn Frans Ebejer li kien mar fuq il-lant tax-xogħol. (Fol 117) (Fol 118)**

L-imputat kien mar il-Mosta bix-xogħol bl-Isuzu. Wara mar jixtri l-fanali tat-Toyota (esibiti)( fol 121) ma' Francis Ebejer. Dawn tqegħdu fuq is-seat ta' wara. Imbagħad reġgħu lura lejn ix-xogħol. Skond l-imputat, il-Pulizija waqqfuh xi tliet mitt metru wara. Huwa ċaħad li s-sustanza kienet tiegħu. Lanqas ma kien tiegħu l-miżien elettroniku iżda l-bicarbonate of soda seta' kien teigħu. (Fol 123).

Fil-kontro-eżami huwa ċaħad li ipprova jifqa' l-borża. (fol.124). Huwa qal ukoll li ma kienx jaf fejn kienet eżattament għalkemm fejn kienet kienet tidher. (fol.125) Hawn l-imputat qal lid an ma kienx veru u lill-Prosekutur qallu:

'Ma tistax tgħid jekk kenitx tidher jew le. Int ma kontx preżenti.' (Fol. 125).

Imbagħad qal li għall-anqas huwa ma rahiex..

**Xhieda Oħra tad-Difiża**

Xehed ukoll Charles Vella (fol 128). Huwa qal li kienu qed jaħdmu fit-31 Bar hu u Frans wara li kien tahom ix-xogħol l-imputat. (Fol 129). U a fol 130 issemma ħaddiem ieħor – Joseph. Skodn dan ix-xhud, it-Toyota pick up kien jużaha Frans filgħodu u Joe jagħmel xi qadi biha. (fol 131). L-għada li kien arrestat, l-imputat mar jgħajjat min kien użalu l-vann. Hawn ix-xhud qal li kienu qed jaħdmu hu, Frans u Joseph. Ix-xhud qal li dan Joseph kellu problema u kien imur id-detox. (Fol 132)

Għal mistoqsija diretta, ix-xhud wieġeb li fil-jum in kwistjoni, **dan Joseph kellu l-vann. (Fol. 132)**

Meta l-imputt beda jgħajjat ix-xhud qallu:

***'L-vann ma missejtux jiena. Għidtlu Joseph missu u mar qadja bih.' (Fol 133)***

Huwa qal li dan Joseph kien joqgħod il-Qawra u daqqa kien jiġi għax-xogħol u daqqu le.

Fil-kontro-eżami dan ix-xhud qal li dan Joseph ma jafx x'kien kunjomu u kien jiġi **waħdu għax-xogħol. (Fol 135).**

Huwa ma kienx jaħdem il-ġimgħa kollu għax kien jiġi xi tleit darbiet biss.

**Skond dan ix-xhud l-imputat kien jafu lil Joseph għax hu kien iħallsu. (Fol. 136)**

Fir-ri-eżami dan ix-xhud qal li meta l-imputat mar jgħajjat dwar min kien ħadlu l-pick up dan Joseph kien preżenti. (Fol 138). Dan Joseph baqa' jgħid xejn, xejn, xejn.(fol 138). Imbagħad għamel ġimgħa jiġi u waqaf (fol.138)

**Dan Joseph kien jiġi b'mutur. (fol.138)**
Xhud ieħor kien Frans Ebejer. Dan qal li l-imputat kien qallu biex jgħidnu fuq ix-xogħol fit-31 Bar. Huwa qal li barra minnu kien hemm persuna oħra (li ismimha nsieh) u ċertu Joseph (fol 142).

**Kien juża t-Toyota Pick up biex iwassallu l-għodda u kienu jgħaddu għal ċertu Joseph (fol.143)**

**Kien jgħaddi għalih San Ġiljan. (fol.143). Kien jippikkjah minn quddiem il-pjazza ta' San Ġiljan. (Ara wkoll fol 146). Għax-xogħol dejjem kien jgħaddi għalih hu. (Fol 147) Huwa nnega li qatt ra lil Joseph b'mutur.**

Skond dan ix-xhud dan il-pick up kien jużah Joseph l-iżjed. (Fol.144). Daqqa kien jixtri xi affarijiet u daqqa kien jixtri l-ħobż.

Lill-imputat kien saqsieh min kien uża l-vann dak in-nhar u x-xhud qallu 'Mhux Joseph? L-iżjed li jużah Joseph kien.'

**Wara l-inċident ma rahx aktar.**

It-tielet xhud taddifiża (barra l-imputat u l-kontro-eżamijiet kien Adrian Marmara. Dan ix-xhud qal li l-imputat miżżewweġ lil oħr il-mara tiegħu u kien xtara mutur minn għandu. Kien ta deposit ta' Lm500 lill-imputat.Kien tahomlu jum qabel. Kienu ftehmu li jagħmlu t-transfer u ma kienx ġie.

Ir-raba' xhud kien Pierre Mifsud li qal li kien għamel refurbishment fil-bar f'Ġunju 2002. Lill-imputat kien qabbdu jagħmel xogħol ta' kisi, madum u tibjid. (fol 157). Suppost kienu jkun tleits iżda daqqa jiġi wieħed u daqqa jiġi l-ieħor. Il-vann it-tnejn kienu jsuquh. (Fol160). L-imputat kien imur filgħaxija biss. Huwa qal li l-pick up kien ikun f'idejn Joseph biex imorru jixtru. Dan ix-xhud kompla jgħid hekk:

'Iva qalli għax hemm xi ħadd għamilli xi droga, qalli qed neħel jiena, qalli għax sabuhom fil-vann. Qalli issa l-vann ma nsuqux jiena. Għdiltlu ħeqq ma nafx jiena hux.'

Ix-xhud kompla jgħid li lill-imputat qatt ma rah bil-vann għax dejjem il-ħaddiema jkunu bil-vann.' (Fol 163).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

M'hemmx dubju li l-imputat kien qed isqu il-vann Toyota Pick up bin-numru HAP 466 meta twaqqaf il Triq Hal-Għargħur limiti tal-Balal. L-imputat kien waħdu u l-Pulizija kellhom is-sirena u l-beacon light. Issikkawh, qabżuh u waqaf.

M'hemmx dubju li s-sustanza li kienet elevata mit-truck tal-imputat kienet kokaina fl-ammont ta' 34.921 grammi għaliex hemm il-prova forensika.

Mela f'dan l-istadju l-Qorti qed tikkonkludi li l-imputat instab isuq Truck Toyota Pick Up li fih instab ammont sostanzjali ta' droga.

L-imputat qal li ma kienx jaf bil-borża li nstabet bejn is-seat tiegħu u l-handbrake. (Ara fol.9)

F'dan il-każ ir-ritratti juru:

(a) Li l-fanali li keinu nxtraw qegħdin fuq wara (02 BMZ 09) (02 BMZ 11)
(b) il-bott tal-bicarboante qiegħed fil-pocket in-naħa tax-xufier (02 BMZ 12)
(ċ) Il-borża tal-kokaina tinstab ħdejn is-seat tax-xufier (02 BMZ 14)
(d) Ir-ritratt 02 BMZ 20 juri l-oġġetti li kienu bejn is-seditl tax-xufier u l-console tan-nofs:

'Borża tal-palstik trasparenti b'xi traċċi ta' trab ta' lewn abjad ġo fih u borża magħluqa permezz ta' għoqda magħmula mill-istess borża kontenenti trab abjad. Ġie nnotat li dina l-borża kellha toqba uf qu i-tappezzerija kien hemm xi trab abjad li kien ħareġ mill-istess toqba. It-trab abjad li kien waqa' fuq it-tapazzerija kien inġabar ukoll.' (Ara fol 32 tal-proċess)

(e) Ir-ritratti 02 BMZ 18 -19 huma ta' Dok 02 BMZ 203 liema document huwa deskritt hekk:

'Borża tal-karti ta' lewn kannella konteneti kaxxa b'xi kliem stampati fuqha bħala 'Tanita Digital Scale model 1479'. Ġewwa din il-kaxxa kien hemm pouch ta' lewn iswed miftuħ min-naħa waħda. Ġewwa dan il-pouch kein hemm miżien b'xi kleim stampat fuqu bħal 'Tanita Model 1479'.

Il-Qorti għandha quddiemha konferma ġuramentata li sakemm marru tal-foensika jiġbdu r-ritratti l-oġġetti ma kinux iċċaqilqu minn posthom.

Meta tqis il-pożizzjoni tal-affarijiet fejn kienu, ma tistax temmen li l-imputat 'ma kienx jaf bihom' partikolarment b'dak li kien hemm ħdejn is-seat tax-xufier.

Filfatt waqt il-kontro-eżami l-imputat irreaġixxa b'mod aggressiv meta kien mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar dan u saħansitra qal lill-Prosekutur li dan tal-aħħar ma setax ikun jaf kif kienu l-affarijiet għax ma kienx hemm. Tassew li l-Prosekutur ma keinx hemm iżda r-ritratti qalu l-verita' kollha speċjalment li sħaansitra kien hemm is-sustanza tal-kokaina mxerrda fuq it-tapezzerija. Għall-Qorti huwa mpossibbli li l-imputat ma ndunax b'din is-sustanza wkoll. L-imptutat donnu ftakar biss fil-bicarbonate u fil-fanali li huma oġġetti newtrali iżda b'affarijiet oħra li kienu ma' ġenbu ma ndunax.

Għalhekk, il-Qorti mhxu temmen il-verżjoni tal-imputat.

Lanqas ma temmen li din is-sustanza daħħalha xi ħadd ieħor kif irid jallega l-imputat.
Issemma ċertu Joe (Sammut). Meta xehed l-imputat fl-14 ta' Diċembru 2006, dan Joe Sammut issemma darba (passim) a fol 116. Daqshekk biss jissemma.

L-imputat stess qal:

'Dak in-nhar stess fil-fatt użah Frans Ebejer filgħodu, mr fuq il-lant tax-xogħol.' (Fol.117).

Meta xehed Charles Vdella fit-12 ta' Marzu, 2007 (jew kważi tleit xheru wara, issemma dan Joe baħal dak li kien jagħmel il-qadi bit-Toyota. Dan ix-xhud ftakar lid an Joseph kellu problema tad-droga. U qal ukoll li dak in-nhar it-Truck kien għand Joe. Qal ukoll li dan Joe kien mill-Qawra u kien jiġi b'mutur u kien jiġi waħdu.

Jidher li din il-verżjoni la taqbel ma' dik tal-imputat li qal li t-truck kien f'idejn Francis Ebejer u lanqas ma' dik li ta' Frans Ebejer. Dan qal li lil 'Joe' kien joqgħod San Ġiljan u jippikkjah minn San Ġiljan, li l-vann kien jużah Joseph l-aktar iżda a fol 145 dan ix-xhud qal:

**'Għax dik mhix tiegħu u lili qalli min użah il-vann dak in-nhar u għidtlu mhux Joseph'.**

**Dan ix-xhud qal li dejjem kien jgħaddi għalih hu.**

**Saħansitra baqa' jinnega li dan Joseph kien jiġi b'xi ħaġa oħra meta d-difiża staqsiet:**

**'Avukat: Fuq il-post tax-xogħol dejjem gaħddejt għalih inti jew ġieli ġie b'xi aħġa oħra?**

**Xhud: Le dejjem jiena għaddejt għalih.**

**Avukat: Qatt rajtu, per eżempju, b'xi mutur?**

**Xhud: Le.**

**Avukat: Xejn aktar.'**

*Il-Qorti ssib li l-verżjonijiet mogħtija minn dawn iż-żewġ xhieda bħala għal kollox inkonsistenti, kontradittorji, assolutament mhux attendibbli, u ma tistax toqgħod fuqhom.*

Id-difiża ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni għandha tkun l-akbar ħabib tal-imputat u li għalhekk kellha ssib lil dan Joseph hi u ttellgħu jixhed.

Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti ma taqbilx. Il-Prosekuzzjoni għamlet id-dmir tagħha billi tellgħet l-esperti maħtura waqt l-inkjesta u l-uffiċjali li għamlu t-tfittxija. Il-Prosekuzzjoni m'għandha ebda dmir li tagħmel xi fishing expedition kif qed jiġi sottomess. Ma kellha ebda dmir li toqgħod tifli l-kotba tal-imputat biex tara min jaħdem miegħu jew le għaliex dawn mhux proċeduri biex wieħed jistabilixxi min qed jaħdem bil-ktieb jew le. Ġaladarba wieħed mix-xhieda kien itellgħu regolari minn San Ġiljan, kien xogħol id-difiża, jekk dehrilha li dan ix-xhud seta' jgħinha, illi tintraċċah kif intraċċat ix-xhieda kollha barra propju dan Joseph. Li wieħed jargumenta mod ieħor ifisser li jekk wieħed jinqabad fil-pussess tad-droga, kulma

jrid jagħmel hu semmi persuna li (a) jew (b) ma tkunx teżisti jew li jekk tkun teżisti u ma jtellagħhiex in difeża. Dan żgur mhux permess mill-ordinament ġuridku tagħna.

Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li l-imputat kien waħdu fit-Toyota Pickup dak in-nhar tal-arrest kif ukoll li ien faċli għalih li jara l-affarijiet speċjalment meta sema' s-sirena tal-Pulizija, ra l-beacon light, trass mill-Pulizija u kien imblukkat. Meta saħansitra kien hemm it-trab tas-sustanza fuq l-upholstery, qatt ma wieħed jista' jemmen dan in-nuqqas ta' konoxxenza.

Ukoll jekk l-imputat inqabad ftit tal-ħin wara li kien ħalla lix-xhud Francis Ebejer, dan ma jfissirx li l-imputat ma kellux iċ-ċans jitfa' l-kokaina fit-truck tiegħu.

L-imptutat ukoll mar igorr li xi ħadd kien użalu t-truck. Bir-rispett kollu, il-Qorti aktar temmen affarijiet ippruvati xjentifikament u kif jitlob il-Kap 9 milli xi xena artikulata.

Dan kien aktar minn pussess. Ukoll jekk tieħu l-kwantita' mogħtija mill-espert 34.921 grammi ta' kokaina - din il-kwantita' waħidha hija biżżejjed biex turi lid an il-pussess kien wieħed aggravat. Kontra ċertu sottomissjonijiet li ilha tisma' din il-Qorti l-pluralita' ta' provi mhix neċessarja. Arad war dan 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' tat-2 ta' Settembru 1999 Appell Numru 327/98 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (preseduta mill-STO Dr. Vincent de Gaetano) qalet hekk:

***'Huwa veru, li kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taħgha, li meta l-ammont ta' droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirksotanza li waħdiha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.' (Ara wkoll: Il-Pulizija versus Martin Farrugia tal-15 t'Ottubru 2008 paġina 6 Qorti tal-Appell Kriminali Appell 267/07 DS presedut mill-Imħallef Dr.David Scicluna)***

Apparti dan kollu fit-truck instab ukoll miżien elettroniku.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li d-difiża ma ppruvatx il-linja difensjonali tagħha fuq bażi ta' probabilita' waqt li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni **assolutament beyond reasonable doubt.**

Dwar it-tieni imputazzjoni, fin-nuqqas ta' preżentazzjoni tas-sentenza relattiva, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tieni imputazzjoni.

Dwar il-flus misjuba fuq l-imputat, il-Qorti qed issib li l-verżjoni ta' Adrian Marmara' hiaj waħda ta' min joqgħod fuqha u għalhekk il-flus li kienu elevati għandhom jingħataw lura lill-imputat.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat la-rtikoli 28A u 28 B tal-Kap 9, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah għal sentejn priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €880 li tista' titħallas b'rati ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ irid jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti mhix qed tapplika l-artikolu 533 għaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006. Ma nħatar ebda espert ieħor fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------